GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

# ĊIRKOLARI

**Data:** 3 ta' Ġunju 2022 **Ref:** DLAP162/2022

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Kapijiet u Managers ta' Ċentri tat-Tfal u Kindergarten tas-Setturi kollha

**Mingħand:** David Muscat, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** **Inrawmu t-Trabi Jaqraw**

---

It-trabi jitgħallmu l-lingwa billi jassorbu l-informazzjoni permezz tas-sensi tas-smigħ u l-ħars. Mill-informazzjoni li jassorbu jitgħallmu jipproċessaw xi jfisser dak li jaraw u jisimgħu. It-trabi jużaw ħalqhom, ilsienhom u widnejhom biex jimitaw dak li jisimgħu minn nies oħra madwarhom u hekk jitgħallmu joħolqu l-ħsejjes u modi oħra ta' komunikazzjoni. Dan l-iżvilupp fil-lingwa mitkellma jwitti t-triq biex it-tfal, aktar'il quddiem f'ħajjithom, jiksbu l-ħiliet tal-litteriżmu. Għaldaqstant, għall-ġenituri/kustodji huwa kruċjali li jkunu jafu kif jistgħu jistimulaw b'mod ippjanat l-iżvilupp tal-ħiliet ta' wliedhom u kif għandhom ilaqqgħuhom ma' kotba tal-qari xierqa għall-età tagħhom.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda torganizza taħditiet online għal dawk il-familji li qegħdin jistennew tarbija. F'dawn it-taħditiet se jiġu diskussi suġġetti bħal kif il-ġenituri/kustodji jistgħu jgħinu lil uliedhom jiżviluppaw il-ħiliet fil-lingwa tagħhom, saħansitra minn qabel ma jitwieldu. It-taħditiet se jsiru f'kollaborazzjoni mal-Parentcraft Services u l-familji jistgħu jagħżlu li jsegwuhom bil-Malti jew bl-Ingliż.

It-taħditiet jingħataw live bl-użu tal-Microsoft Teams. Kull familja tista' ssegwi żewġ taħditiet u min jattendi t-tnejn li huma jkun jista' jmur jiġbor pakkett riżorsi mogħti b'xejn mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun.

Min ikun irid aktar informazzjoni dwar dati, ħinijiet u biex jirriserva post għandu jċempel 2598 2999 jew jibgħat ittra elettronika lil aqra.storja@ilearn.edu.mt. Biex iżomm ruħek infurmat, segwi l-paġna tal-Facebook 'Aqra Miegħi/Read with Me'.

Grazzi tal-kooperazzjoni,

**Is-Sa Sandra Ebejer**
**Direttriċi**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**

t + 356 2598 2426 e dlap@gov.mt | www.education.gov.mt